# RIFORMI LI SE JOLQTU X-XOGĦOL TAL-AWDITURI



EDWARD SCICLUNA/Ministru tal-Finanzi



L-ekonomija ta' pajjiż tiddependi fuq kemm ikun hemm investiment u fuq kemm ikunu sejrin tajjeb l-azjendi li joperaw fil-pajjiż. U sabiex jiġi żgurat li l-operat tal-azjendi qiegħed ikun immexxi fuq sisien ta' sostenibilità, huwa kruċjali r-rwol tal-accountant u miegħu tal-awditur. Għal ħafna l-accountant huwa dak il-professjonist li jżomm il-kotba tal-kumpanija.

Is-sidien tal-kumpaniji sew individwali, jew fi grupp ta' azzjonisti (*shareholders*) li jkunu ħallew it-tmexxija tal-kumpaniji f'maniġment aprofessjonali li ma nvestiex flusu fil-kumpanija, huwa l-accountant li jkun qiegħed jissorvelja u jagħti rendikont ta' kif ikunu sejrin l-attivitajiet kummerċjali. Dan ir-rendikont huwa dak magħruf bħala l-accounts tal-kumpanija.

Dan ir-rapport irid jirrifletti dak li attwalment u realment ikun qiegħed isir fil-kumpanija. Biex jiġi żgurat li l-accounts ikunu jirriflettu r-realtà, ir-rapport, ippreparat mill-accountant, u l-kotba tal-kumpanija, jiġu vverifikati minn awdituri indipendenti li xogħolhom huwa li mhux biss li jiċċertifikaw li r-rapport huwa veritier iżda għandhom id-dover li jirrapportaw kull nuqqas li seta' kien hemm fit-tmexxija tal-kumpanija u fuq il-vijabilità tal-kumpanija li tkompli topera bi qliegħ. Dawn ir-rapporti, li jsiru tal-inqas darba fis-sena, iservu wkoll biex il-kumpaniji jirregolaw ruħhom mal-obbligu li għandhom li jibagħtu rendikont annwali li jħallsu t-taxxi dovuti fuq il-qliegħ, lill-Awtorità tat-Taxxi, kif ukoll iqassmu dividend meta jitqassmu l-profitti.

Hawn ta' min jirrimarka li biex wieħed isir awditur, ikun beda t-taħriġ tiegħu bħala accountant.

Din il-professjoni tal-accountant ħadet xejra aktar professjonali fi żmien li l-Gvern Ingliż kien imexxi l-pajjiż. L-Ingliżi mhux biss daħħlu t-tagħlim tal-accounts iżda kull min ried jaħdem b'din il-professjoni, kellu joqgħod għal eżamijiet li kienet toffri istituzzjoni Ingliża ta' kalibru u livell. Qiegħed nirreferi għall-Association of Chartered Certified Accountants (ACCA). Dawn l-eżamijiet kienu jsiru fuq l-istess sistema li konna nagħmlu l-eżamijiet tal-General Certificate of Education (GCE) tal-'O' Levels u tal-'A' Levels. Is-sistema ta' tagħlim kienet issir bħala dak magħruf ta' distance learning, fejn l-individwu jintbagħtulu n-noti, kotba u notamenti oħra u mbagħad kien isir l-eżami f'ċentru f'Malta. Kien hemm ukoll individwi li marru jistudjaw din il-materja barra minn xtutna, imma dawn kienu il-ftit.

Wara numru ta' snin, meta aktar individwi bdew ikomplu bl-istudji tagħhom f'dan il-qasam, twaqqaf il-Malta Institute of Accountants (MIA). Dan l-Istitut beda joffri t-tagħlim tal-accountancy, lil dawk l-individwi li kienu diġà qegħdin jaħdmu u riedu li jkollhom kwalifika professjonali f'dan il-qasam. Dan it-taħriġ kien isir wara l-ħin tax-xogħol u min kien jgħaddi mill-eżamijiet kien ikollu kwalifika tal-istess livell li kien jiġi offrut mill-ACCA.

Żvilupp importanti ieħor f'dan il-qasam sar fl-1979, meta fl-Università ta' Malta, ġiet imwaqqfa l-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy jew kif inhi iktar magħrufa bħala l-FEMA. Taħt din il-Fakultà hemm id-Dipartiment tal-Accountancy, li sa qabel ma ġiet imwaqqfa din il-Fakultá, dawk li riedu jistudjaw l-accounts, kienu jagħmlu dan mill-bini tal-Polythecnic, dak li llum huwa magħruf bħala l-MCAST.

Fl-istess żmien li kienu qegħdin iseħħu dawn l-iżviluppi fejn jidħol it-tagħlim, inħasset il-ħtieġa li sabiex ikun hemm aktar serjetà u kontabilità ta' din il-professjoni, għandu jkun hemm regolatur li l-funzjoni tiegħu tkun li jara li jkun hemm livell għoli tal-professjoni u jassigura li kull membru ta' din il-professjoni jkun qiegħed jimxi skont ir-regoli u l-etika li din il-professjoni ġġorr magħha. Kien għalhekk li ġie mwaqqaf l-Accountancy Board, li beda jagħti warrant lil individwi sabiex ikunu jistgħu jaħdmu bħala accountants, liema warrant jingħata lil individwi li mhux biss ikunu għaddew mill-eżamijiet iżda li jkunu għamlu sentejn jipprattikaw din il-professjoni.

Din hi l-istess proċedura li titħaddem minn professjonisti oħrajn bħal dik tal-avukati, tobba, periti u inġinieri.

Għalhekk, individwu li ma jkollux warrant, ikun jista' jaħdem biss bħala book keeper imma ma jkunx jista' jiffirma l-accounts tal-kumpanija, wisq aktar ma jkunx jista' jgħid li huwa accountant.

Tul dan iż-żmien, eluf ta' studenti ggradwaw fil-professjoni tal-Accountancy u okkupaw u qegħdin jokkupaw karigi importanti fis-settur kemm privat kif ukoll f'dak pubbliku. Kienu dawn il-professjonisti li wasslu lil Malta tikseb dan is-suċċess fil-qasam finanzjaru u tan-negozju.

Il-kriżi finanzjarja mhux biss laqtet is-setturi tas-servizzi finanzjarji bħal dawk tal-banek, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpaniji tal-assikurazzjoni, iżda ġabet taħt il-lenti anke l-professjoni tal-accountants, fost l-oħrajn. L-Unjoni Ewropea daħħlet direttivi sabiex jogħla l-livell ta' professjonalità tal-accountants bilgħan li jkun hemm aktar trasparenza u tonqos il-possibilità li jerġa' jkun hemm dawn il-kriżijiet u skandli li dehru fl-aħħar snin.

Id-direttiva li bħalissa qiegħda għaddejja mill-Parlament tiffoka fuq tliet aspetti tal-professjoni tal-awdituri. L-ewwel prinċipju jiffoka fuq is-suq liberu u li jingħata ċans lil ditti żgħar ta' awdituri. Kif żviluppa s-suq tul iż-żmien, spiċċajna li hemm ħames ditti kbar tal-awdituri, dawk li huma magħrufin bħala l-Big Five, li qegħdin jieħdu x-xogħol kważi kollu f'kull pajjiż madwar id-dinja. Il-Kummissjoni Ewropea dehrilha li sabiex jingħata ċans lil kulħadd, wara numru ta' snin li ditta partikolari tal-awditjar tkun għamlet l-awditjar ta' kumpanija, irid ikun hemm l-obbligu fuq il-prinċipju ta' rotation li tinbidel id-ditta li tagħmel l-awditjar ta' dik il-kumpanija partikolari.

It-tieni prinċipju huwa dak li kull ditta tal-awditjar li topera f'xi wieħed mill-pajjiżi tal-istati membri, għandha d-dritt li tieħu xogħol ta' awditjar f'pajjiżi ta' stati membri oħra. Minħabba li fejn jidħlu l-liġijiet tat-taxxa, dawn huma speċifiċi u distinti għal kull pajjiż, f'każijiet bħal dawn, id-ditta barranija tal-accountants u awditjar tkun qiegħda tħaddem magħha professjonisti li jkunu familjari mal-liġijiet ta' dak il-pajjiż fejn se jkun qiegħed isir l-awditjar.

It-tielet prinċipju jiffoka fuq it-tnaqqsis tal-burokrazija u spejjeż żejda għal kumpaniji hekk meqjusin bħala żgħar fid-daqs, jew aħjar dawk magħrufin bħala micro enterprises.

Kif wieħed jista' jobsor, biex ikun hemm awditjar ta' kumpanija, dan jiswa flus sinjifikanti. Issa meta hemm xewqa li l-gvernijiet iħajru individwi, speċjalment żgħażagħ, jiftħu kumpaniji tagħhom ħalli jinħolqu aktar postijiet tax-xogħol, il-gvernijiet ma jridux li jiskoraġġixxu lil dawn l-individwi li jiftħu kumpanija minħabba dawn l-ispejjeż li jkunu jridu jintefqu ħalli kumpanija tikkonforma mal-liġijiet tal-pajjiż. Kien għalhekk li d-direttiva Ewropea daħħlet il-kunċett li jekk irid il-gvern iħalli dawn il-kumpaniji żgħar ma jkollhomx bżonn legali li jagħmlu awditjar tal-kumpanija.

Jekk nieħdu l-każ ta' Malta, il-kumpaniji li joperaw minn Malta, tista' tgħid li kważi huma kollha żgħar. Allura, jekk indaħħlu dan il-prinċipju, nispiċċaw li ftit kumpaniji jibdew ikollhom l-obbligu li jagħmlu awditjar tal-kumpanija. Mhux hekk biss, imma hekk kif kumpanija tkun trid tkabbar u tinvesti u allura tkun trid tmur tissellef flus minn xi bank, kwalunkwe bank jitlob li l-kumpannija turi lill-bank l-awditjar tal-kumpanija tal-aħħar snin sabiex il-bank ikun f'pożizzjoni li jevalwa r-riskju li jsellef flus lil din il-kumpanija.

Jekk il-kumpanija ma tkunx f'pożizzjoni li tippreżenta r-rapporti finanzjarji awditjati, ma jkunx possibbli li jieħdu dak is-self ferm importanti għat-tkabbir tan-negozju tagħhom.

Barra minn hekk, dan l-awditjar ta' kull sena jservi wkoll sabiex is-sid tan-negozju jżomm kontroll fuq id-dħul u l-infiq tal-kumpanija; fil-maġġoranza tal-każijiet, dan ir-rapport ikun l-uniku mod li bih is-sid ikun jaf kif qiegħed jimxi fin-negozju li jkun qiegħed imexxi.

Għalhekk qabel ma jdaħħal dan il-prinċipju, wieħed irid jiżen il-vantaġġi li dan l-awditjar għandu.

Din id-direttiva ġabet ukoll bidla f'kif inhu ffurmat l-Accountancy Board. Issa l-membri ta' dan il-bord ma jistgħux ikunu accountants li għadhom qegħdin jipprattikaw il-professjoni. Dan jagħmel ferm sens għax kif jista' wieħed ikun daqshekk imparzjali u jirregola lil sieħbu? Filwaqt li se jkun hemm żewġ accountants li għadhom jipprattikaw il-professjoni, dawn se jkollhom status ta' osservaturi u ma jkunu qegħdin jieħdu l-ebda sehem f'kull deċiżjoni li tirrigwarda dixxipplina fuq xi accountant jew fuq xi ditta ta' accountants.

It-tisħiħ tal-professjoni tal-accountants qiegħed ikun wieħed mill-ingredjenti ta' dan it-tkabbir ekonomiku u li qiegħed jattira aktar investiment lejn Malta. Il-livell għoli li ndividwi li qegħdin jaħdmu f'dan il-qasam kisbu, qiegħed iwassal sabiex jiġi rikonoxxut anke fuq livell internazzjonali u jien persważ li Malta se tibqa' jkollha accountants li jagħmlu ġieħ lill-professjoni u biex investituri barranin ikomplu jinvestu f'Malta għax jafu li fl-operat tagħhom huma se jsibu l-appoġġ tal-professjonisti tal-accounts bi standards internazzjonali.